DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI ................................... ĦINIJIET ................. POST: ...............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI .....................................          DATA/DATI .......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

## GĦASFUR TAĊ-ĊOMB

*3 Att, 1 Xena, p.124 (F)*

## NANNA

**ĦOBBU, ĦOBBU KULL TLIET SIGĦAT.**

F'ġieħ l-imħabba. *(Imbagħad, bħal donnu ħsieb irxuxtat mill-imgħoddi)* Ħobbu – ħobbu kull tliet sigħat mela. Ħobbu kull tliet sigħat. Għax l-ulied imorru qabel l-ommijiet ukoll. Sa fl-aħħar. Għandek raġun int, Samwel. U jien kemm tlabt lil Alla jeħodhuli – jeħodhuli u jeħilsu...

U jeħles lili. Kemm kont nitlob fil-bidu, Sa Petronja. Liema qaddis u qaddisa ma tlabtx! Ma kienx bħat-trabi l-oħra imma. Ukoll wara ftit ġimgħat kont diġà ntbaħt. U ma donnu seta' jieħu r-ruħ qatt u b'xejn. Għalxejn ġrejt għand tobba u speċjalisti.

Sakemm imbagħad, darba, Dun Pawl – kien għadu kjeriku novizz, niftakar – darba kien ħares lejh u mbagħad lejja, u staqsieni bl-akbar galbu: Imma int kull meta treddgħu, Sinjura? Kull meta treddgħu...

U jien, mifxula mhux ftit – għax il-ħalib tiegħi veru kien ftit u dgħajjef – jien għidtlu – Kull tliet sigħat. U hu minnufih wieġeb – Mela ħobbu kull tliet sigħat, Sinjura. Ħobbu kull tliet sigħat! *(<144)*

*(Ikompli p.87.)*

**ĦIN** MASSIMU ............ MINIMU .............

**PROPS** ..............................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..........................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.

PDF p.124